V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

SEJĦA GĦALL-PROPOSTI

"Appoġġ għal miżuri ta' informazzjoni relatati mal-politika agrikola komuni (PAK)"

L-implimentazzjoni ta' miżuri ta' informazzjoni skont l-intestatura tal-baġit 05 08 06 għall-2013

(2012/C 223/04)

1. INTRODUZZJONI

Din is-sejħa għall-proposti hija bbażata fuq ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 814/2000 tas-17 ta' April 2000 dwar il-miżuri ta' informazzjoni li għandhom x'jaqsmu mal-politika agrikola komuni (PAK) li jiddefinixxi t-tip u l-kontenut tal-miżuri ta' informazzjoni li l-Unjoni tista' tikkofinanzja. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2208/2002, emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1820/2004, jistabbilixxi r-regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 814/2000.

Din hija sejħa għall-proposti għall-finanzjament ta' miżuri ta' informazzjoni, kif deskritti fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 814/2000, mill-approprjazzjonijiet tal-baġit tal-2013. Din is-sejħa għall-proposti tikkonċerna miżuri ta' informazzjoni li għandhom jiġu implimentati (inklużi l-preparazzjoni, l-implimentazzjoni, is-segwitu u l-evalwazzjoni) bejn l-1 ta' Marzu 2013 u t-28 ta' Frar 2014.

Miżura ta' informazzjoni hija sensiela indipendenti u koerenti ta' attivitajiet ta' informazzjoni mwettqa abbażi ta' baġit uniku.

Kif speċifikat fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2208/2002, l-applikanti għal din is-sejħa għall-proposti għandhom ikunu persuni ġuridiċi kkostitwiti legalment fi Stat Membru għal mill-anqas sentejn fil-ħin tat-tressiq tal-offerta.

Din is-sejħa għall-proposti hija rregolata wkoll mir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jistipula regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej,

2. IL-PRIJORITAJIET U TIPI TA' MIŻURI GĦALL-2013

2.1. Prijoritajiet

L-2013 ser tkun sena ewlenija fid-diskussjonijiet dwar il-Politika Agrikola Komuni ġdida.

Suġġett prijoritarju

Is-suġġett prijoritarju għal din is-sejħa għall-proposti ser ikun il-PAK b'mod ġenerali, u r-riformi proposti tal-politika, b'mod partikolari.

Skont din il-prijorità, il-proġetti proposti għandhom ifittxu l-għanijiet biex:

— jiżguraw aħjar l-għarfien pubbliku tal-PAK, partikolarment fil-kuntest tal-proposti għar-riforma;

— juru r-rwol tal-PAK fl-iżvilupp tat-tkabbir li huwa intelligenti, sostenibbli u inklussiv, kif stipulat fl-istrateġija Ewropa 2020;

— jiġi mtejjeb il-fehim tal-kontribut tal-Politika Agrikola Komuni li jiggarantixxi l-produzzjoni tal-ikel tajjeb għas-saħħa u ta' kwalità liċ-ċittadini Ewropej, għall-preservazzjoni tal-ambjent u biex jgħin biex jiġu żviluppati ż-żoni rurali fl-Unjoni Ewropea;

— jistimulaw l-interess pubbliku fir-rwol tal-bdiewa, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali fis-soċjetà tagħna bil-promozzjoni ta' diversi rwoli u juru l-kontributi tal-PAK billi jappoġġjaw lill-bdiewa, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali fl-Unjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") tinkoraġġixxi bil-qawwa l-kooperazzjoni tad-diversi partijiet interessati fil-livell nazzjonali u dak Ewropew.

Xi eżempji tat-tip tal-ġhodod ta' komunikazzjoni li jistgħu jiġi proposti bħala parti minn kampanji ta' informazzjoni huma moġhtija fil-punt 2.2.

Miżuri prijoritarji

Il-Kummissjoni ser tagħti prijorità lil proġetti fil-livell nazzjonali jew tal-UE li aktarx li jkollhom impatt kbir, li huma innovattivi u kreattivi.

Il-Kummissjoni se tagħti prijorità wkoll ġhal miżuri ta' informazzjoni proposti minn netwerks stabbiliti formalment jew informalment fil-livell Ewropew jew miżuri ta' informazzjoni li jinkludi l-istabbiliment u/jew l-iżvilupp ta' dawn in-netwerks.

2.2. **Tipi ta' miżuri ta' informazzjoni**

Fil-kuntest tas-sejħa attwali ġhall-proposti, il-Kummissjoni tipprevedi li tagħżel żewġ tipi ta' miżuri integrati ta' komunikazzjoni ġhall-pubbliku:

— fil-livell nazzjonali, billi jingħaqdu flimkien diversi sħab fi proġett kbir konġunt;

— fil-livell Ewropew, f'ġhadd massimu ta' Stati Membri sabiex jiżdied l-impatt tal-miżuri.

Dawn il-kampanji ta' komunikazzjoni integrati huma kampanji li jipproponu l-aħjar taħlita ta' ġhodod ta' komunikazzjoni sabiex jinkisbu l-ġhanijiet stabbiliti minn qabel u sabiex jilħqu kemm jista' jkun persuni mill-pubbliku.

Il-kampanji ta' komunikazzjoni integrati ġhandu jkollhom impatt sinifikanti li jista' jiġi mkejjel permezz ta' indikaturi oġġettivament verifikabbli esterni u interni li ġhandhom jiġu stabbiliti billi jitqiesu l-kriterji SMART (speċifiċi, li jistgħu jitkejlu u li jistgħu jintlaħqu, rilevanti u orjentati lejn iż-żmien).

L-attivitajiet differenti ġhandhom ikunu interkonnessi, ċari fl-approċċ kunċettwali tagħhom u fir-rigward tar-riżultati li ġhandhom jinkisbu. L-iskeda tax-xogħol ġhandha tkun konformi mal-ġhanijiet tal-proġett u ġhandha tkun realistika.

Il-kampanji ġhandhom jinkludu diversi attivitajiet ta' komunikazzjoni jew ġhodod elenkati hawn taħt (il-lista mhix eżawrjenti):

— Il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' materjal awdjoviżiv u multimedjatiku.

— Il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' materjal stampat (pubblikazzjonijiet, kartelluni, eċċ).

— It-twaqqif ta' ġhodod tal-internet u ta' netwerking soċjali.

— L-avvenimenti tal-midja.

— Konferenzi, seminars jew sessjonijiet ta' ħidma.

— Avvenimenti tat-tip "ażjenda agrikola fil-belt" (city farm) li jġhinu biex tiġi spjegata l-importanza tal-agrikoltura lill-popolazzjoni urbana.

— Avvenimenti tat-tip "bibien miftuħa" li jimmiraw li juru r-rwol tal-agrikoltura liċ-ċittadini.

— Wirjiet statici jew mobbli jew punti ta' informazzjoni.

2.3. **Gruppi fil-mira**

Il-pubbliku inġenerali (b'enfasi speċjali fuq iż-żġħażagħ fiż-żoni urbani), il-midja, is-soċjetà ċivili u l-atturi ewlenin fis-settur rurali.

3. **TUL TA' ŻMIEN U BAĠIT**

Din is-sejħa ġhall-proposti tikkonċerna miżuri ta' informazzjoni li ġhandhom jiġu implimentati (inklużi l-preparazzjoni, il-prestazzjoni, is-segwitu u l-evalwazzjoni) bejn l-1 ta' Marzu 2013 u t-28 ta' Frar 2014.

Il-pakkett finanzjarju globali ġhall-miżuri ta' informazzjoni li ġhandhom jitwettqu skont din is-sejħa ġhall-proposti huwa ta' EUR 3 000 000. Dan l-ammont ser jitqassam fost l-applikanti li jkunu ġabu l-ogħla marki mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni skont il-kriterji tal-evalwazzjoni stabbiliti fl-Anness I u li jissodisfaw il-kriterji kollha tal-ġhażla, l-esklużjoni u l-eliġibbiltà stabbiliti fl-Anness III. Il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li tnaqqas dan l-ammont globali li ġhandu jingħata jekk tqis li l-kwalità tal-proposti ma tkunx suffiċjenti.

L-ammont totali tal-ġhotja mitluba mill-Kummissjoni ġhandu jkun bejn EUR 100 000 u EUR 500 000 ġhal kull ftehim ta' ġhotja li jkopri l-miżuri ta' informazzjoni kif imsemmija fil-punt 2.2 (inkluż ammont fiss ġhall-ispejjeż tal-persunal).

Il-parteċipazzjoni finanzjarja tal-Kummissjoni fl-applikazzjonijiet magħżula huwa limitat ġhal 50 % tal-ispejjeż eliġibbli globali (ara l-Anness IV – it-tfassil tal-baġit). L-ispejjeż eliġibbli ġenerali ma jinkludux l-ispejjeż tal-persunal. L-ispejjeż tal-persunal huma koperti b'ammont separat fiss b'massimu ta' EUR 10 000 ġhal miżuri li l-ispejjeż totali eliġibbli tagħhom (eskluża r-rata fissa ġhall-ispejjeż tal-persunal) huma anqas minn EUR 400 000 u b'massimu ta' EUR 25 000 ġhal miżuri li l-ispejjeż totali eliġibbli tagħhom (eskluża r-rata fissa ġhall-ispejjeż tal-persunal) huma bejn EUR 400 000 u EUR 950 000.

Ġhall-miżuri ta' informazzjoni ta' natura eċċezzjonali, u jekk l-applikant jitlob dan, il-perċentwali tal-kontribuzzjoni tal-Kummissjoni jista' jitla' sa 75 %.

Miżura ta' informazzjoni tiġi rikonoxxuta bħala ta' natura eċċezzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 2208/2002 jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(1) tkun tinkludi pjan ta' tixrid li jkun kapaċi jilħaq firxa wiesgħa kemm jista' jkun ta' pubbliku, li jkopri l-pubbliku ta' tal-anqas 3 Stati Membri, u li r-riżultati mistennija (ex-ante) u miksuba (ex-post) jintwerew bi prova esterna suffiċjenti (stabbiliment ta' indikaturi ta' ġhanijiet ivverifikati esternament li jqisu l-kriterji SMART),

(2) f'kull Stat Membru kopert mill-miżura, din ġhandha tiġi implimentata minn, tal-inqas, koorganizzatur nazzjonali,

(3) il-Kumitat tal-evalwazzjoni, (minn hawn 'il quddiem "il-Kumitat"), ikun taħa tal-anqas 75 punt minn 100 ġhall-kriterji tal-evalwazzjoni stipulati fl-Anness I.

Mhu ser jingħata l-ebda finanzjament minn qabel għall-miżuri ta' informazzjoni li jirċievu għotja skont din is-sejħa għall-proposti. Il-benefiċjarju jista' jitlob ħlas intermedju billi jressaq rapport tekniku intermedju u rapport finanzjarju. L-ammont ta' ħlas intermedju ma jaqbiżx it-30 % tal-ammont totali (eskluži l-ispejjeż tal-persunal) previst fil-ftehim tal-għotja. L-ammont ser jiġi determinat abbażi tal-miżura li tkun qed titwettaq u tal-ispejjeż eliġibbli realment imħallsa, ippreżentat fid-dikjarazzjoni finanzjarja intermedja u vvalidata mill-Kummissjoni; il-perċentwali tal-kofinanzjament previst fil-ftehim tal-għotja ser jiġi applikat għal dawn l-ispejjeż. L-ammont b'rata fissa għall-ispejjeż tal-persunal jingħata biss mal-pagament finali.

L-għażla ta' applikazzjoni ma tobbligax lill-Kummissjoni tagħti l-ammont sħiħ mitlub mill-applikant. Fl-ebda ċirkostanza l-għotja ma għandha taqbeż l-ammont mitlub. Għotja ma tistax tingħata lil miżura li tkun qed tirċievi finanzjament ieħor mill-Unjoni Ewropea.

4. STRUZZJONIJIET ĠENERALI GĦAT-TRESSIQ TA' TALBA

4.1. Kif għandha titħejja applikazzjoni

Kull applikant huwa awtorizzat iressaq applikazzjoni għal miżura ta' informazzjoni waħda biss għal kull sena tal-baġit.

L-applikazzjoni għandha titressaq bil-formoli xierqa disponibbli fl-indirizz tal-internet li ġej: http://ec.europa.eu/agriculture/grants-for-information-measures/

L-applikazzjoni għandha titfassal b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, sabiex ikun iffaċilitat l-ipproċessar fil-pront, l-applikanti huma mħeġġa jressqu l-applikazzjoni tagħhom bl-Ingliż jew bil-Franċiż, jew jekk dan ma jkunx possibbli, l-applikanti għandhom tal-anqas jinkludu traduzzjoni tad-deskrizzjoni ddettaljata tal-proposta bl-Ingliż jew bil-Franċiż (il-Formola 3).

L-applikazzjoni għandha tinkludi d-dokumenti li ġejjin li l-mudelli tagħhom huma disponibbli fl-indirizz tal-internet imsemmi hawn fuq:

— l-ittra tal-applikazzjoni li ssemmi t-titolu tal-miżura ta' informazzjoni proposta u li tindika l-ammont tal-għotja mitluba, iffirmata mir-rappreżentant awtorizzat legalment fl-organizzazzjoni li tkun qed tapplika; wieħed għandu jinnota li l-ammont tal-għotja mitlub fl-ittra għandu jkun identiku għall-ammont ta' kofinanzjament mill-Unjoni Ewropea indikat fit-tabella tad-dħul tal-baġit (il-punti g u h);

— Il-Formola 1 (Informazzjoni dwar l-applikant), il-Formola 2 (Informazzjoni dwar il-koorganizzaturi eventwali), il-Formola 3 (Deskrizzjoni dettaljata tal-miżura ta' informazzjoni). Jekk mistoqsija ma tkunx tapplika għall-miżura ta' informazzjoni proposta, għandek iddaħħal "mhux applikabbli" jew "mhix disponibbli". Jiġu kkunsidrati biss l-applikazzjonijiet ippreżentati fuq dawn il-formoli. Barra minn hekk, jekk il-Formola 2 ma tapplikax jekk joġġbok ikteb "Mhux Applikabbli" fuq l-ewwel paġna tagħha;

— baġit għall-miżura ta' informazzjoni proposta (li jkun magħmul minn tabella dettaljata tan-nefqa u tabella dettaljata tad-dħul ibbilanċjati), debitament mimli kif xieraq, iffirmat u ddatat mir-rappreżentant awtorizzat legalment fl-organizzazzjoni li tkun qed tapplika;

— id-dokumenti addizzjonali kollha elenkati fl-Anness II.

4.2. Skadenza u indirizz fejn jintbagħtu l-applikazzjonijiet

L-applikanti għandhom jibagħtu kopja tal-applikazzjoni sħiħa tagħhom sa mhux aktar tard **mill-31 ta' Ottubru 2012** bil-posta rreġistrata li tkun tinkludi rikonoxximent li l-applikazzjoni waslet (it-timbru tal-posta fuq l-envelopp iservi ta' prova tad-data ta' meta tkun intbagħtet) fl-indirizz li ġej:

European Commission
Unit AGRI. K.1.
Call for proposals 2012/C 223/04
Attn. Angela Filote
L130 4/148A
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu ġo envelopp jew kaxxa tal-kartun issiġillata li titqiegħed ġo envelopp ieħor jew kaxxa tal-kartun issiġillata. Fuq l-envelopp jew il-kaxxa tal-kartun ta' ġewwa, barra l-indirizz tad-destinatarju, kif inhu indikat fis-sejħa għall-proposti, għandu jkun hemm ukoll it-titlu "Sejħa għall-proposti – M'għandux jinfetaħ mis-servizzi postali". Meta jintużaw enveloppijiet li jkun fihom il-kolla, dawn għandhom ikunu ssiġillati b'tejp adeżiv u min jibgħathom għandu jiffirma fuq dak it-tejp.

Peress li d-dokumenti kollha li jintbagħtu lill-Kummissjoni għandhom jiġu skennjati paġna paġna, l-applikanti huma mitluba biex ma jwaħħlux flimkien il-paġni tal-ittra ta' applikazzjoni jew l-annessi tagħhom. Barra minn hekk, għal raġunijiet ambjentali, l-applikanti huma mħeġġa jressqu l-applikazzjoni tagħhom fuq karti riċiklati u jistampawhom fuq iż-żewġ naħat tal-paġna.

Fl-istess ħin, mhux aktar tard minn nofsillejl (ħin ta' Brussell) tal-31 ta' Ottubru 2012, l-applikanti għandhom jibagħtu wkoll verżjoni elettronika tal-applikazzjoni tagħhom, li jkun fiha għall-inqas l-ittra ta' applikazzjoni, il-Formoli 1, 2 u 3 u l-baġit fl-indirizz li ġej:

AGRI-GRANTS-APPLICATIONS-ONLY@ec.europa.eu

L-applikanti huma responsabbli li jiżguraw li kemm l-applikazzjoni elettronika kif ukoll l-applikazzjonijiet bil-miktub tagħhom ikunu identiċi, mimlija kompletament u mibgħuta sad-data tal-iskadenza. L-applikazzjonijiet (l-applikazzjoni bil-miktub u l-verżjoni elettronika) li jintbagħtu wara d-data tal-iskadenza jiġu rrifjutati. F'każ ta' diskrepanza bejn il-verzjoni elettronika u l-applikazzjonijiet bil-miktub, l-informazzjoni bil-miktub dejjem tieħu preċedenza.

Jistgħu jintbagħtu mistoqsijiet dwar is-sejħa għall-proposti fl-indirizz tal-posta elettronika AGRI-GRANTS@ec.europa.eu mhux aktar tard mis-17 ta' Ottubru 2012. Il-Kummissjoni Ewropea m'għandha l-ebda obbligu li twieġeb il-mistoqsijiet irċevuti wara dik id-data.

Ir-risposti ser jingħataw mhux aktar tard mill-24 ta' Ottubru 2012. Fl-interess ta' trattament ugwali tal-applikanti, il-Kummissjoni Ewropea ma tistax tagħti opinjoni minn qabel dwar l-eliġibbiltà tal-applikant, il-miżura ta' informazzjoni jew l-attivitajiet speċifiċi li jinsabu fiha. Il-mistoqsijiet li jistgħu jkunu rilevanti għal applikanti oħra, flimkien mat-tweġibiet, ser ikunu ppubblikati fuq is-sit tal-Internet tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali fit-taqsima tal-Mistoqsijiet Frekwenti dwar it-tħejjijja ta' applikazzjoni għal għotja:

http://ec.europa.eu/agriculture/grants-for-information-measures/

5. PROĊEDURA U SKEDA TAŻ-ŻMIEN

5.1. Wasla u reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet

Il-Kummissjoni tirreġistra l-applikazzjoni u tibgħat konferma tal-wasla tagħha bil-posta elettronika bin-numru assenjat għall-applikazzjonijiet fi żmien 15-il jum mit-terminu tas-sottomissjoni.

5.2. Evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet fid-dawl tal-kriterji tal-għotja

Matul din il-fażi, il-Kumitat għandu jevalwa l-applikazzjonijiet fid-dawl tal-kriterji tal-evalwazzjoni deskritti fl-Anness I (il-kriterji tal-evalwazzjoni). Għandhom jiġu ammessi għall-fażi li jmiss l-applikazzjonijiet biss li matul din il-fażi tal-valutazzjoni, jkunu kisbu total ta' tal-anqas 60 minn 100 punt disponibbli, u tal-anqas 50 % tal-punti disponibbli għal kull kriterju.

Id-dokumenti li jingħataw inqas minn 60 mill-100 punt potenzali ser jiġu rrifjutati. Id-dokumenti li jingħataw inqas minn 50 % tal-punti disponibbli f'wieħed mid-diversi kriterji se jiġu rrifjutati wkoll.

Wieħed għandu jinnota li jekk l-evalwazzjoni ta' kriterju twassal għaċ-ċaħda ta' applikazzjoni għaliex ma tkunx kisbet tal-anqas 50 % tal-punti disponibbli għal dak il-kriterju, il-kriterji tal-evalwazzjoni li jmiss mhux se jiġu vvalutati.

Madankollu, il-fatt li miżura tirċievi 60 mill-100 punt disponibbli mhuwiex garanzija li l-miżura ta' informazzjoni se tingħata l-għotja. Il-Kummissjoni tista' tgħolli r-rata minima aċċettabbli fid-dawl tal-għadd ta' applikazzjonijiet ta' suċċess u tar-riżorsi baġitarji disponibbli.

5.3. Eżami tal-applikazzjonijiet fid-dawl tal-kriterji tal-għażla tal-eliġibbiltà u tal-esklużjoni

L-applikanti li jgħaddu mill-ewwel fażi ser jiġu eżaminati fid-dawl tal-għażla, tal-kriterji tal-esklużjoni u tal-eliġibbiltà.

Kumitat ta' evalwazzjoni ad hoc għandu jeżamina l-għażla, il-kriterji tal-esklużjoni u l-eliġibbiltà tal-applikazzjonijiet fuq il-bażi tad-dokumenti previsti fl-Anness II.

5.3.1. *Kriterji tal-għażla – il-kapaċità teknika u finanzjarja tal-applikanti*

Matul din il-fażi, il-kumitat ad hoc ser jeżamina l-kapaċità teknika u finanzjarja tal-applikanti eliġibbli fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta fl-applikazzjoni u skont il-kriterji deskritti fl-Anness III (1) (Kriterji tal-għażla). Ser jiġu evalwati biss l-applikanti li jgħaddu minn din il-fażi fid-dawl tal-kriterji tal-esklużjoni u tal-eliġibbiltà.

5.3.2. *Kriterji tal-esklużjoni*

Il-Kumitat ad hoc tal-evalwazzjoni għandu jeżamina l-kriterji tal-esklużjoni. Kwalunkwe applikant li fiż-żmien tal-proċedura, jkun f'waħda mis-sitwazzjonijiet deskritti fl-Anness III (2) (kriterji tal-esklużjoni) ser jiġi eskluż u l-applikazzjoni tiegħu mhux se tiġi evalwata fid-dawl tal-kriterji tal-eliġibbiltà.

5.3.3. *Il-kriterji tal-eliġibbiltà*

Matul din il-fażi l-Kumitat ad hoc ser jeżamina l-eliġibbiltà tal-applikanti u l-applikazzjonijiet fuq il-bażi tad-dokumenti pprovduti u skont il-kriterji deskritti fl-Anness III (3) (Kriterji tal-eliġibbiltà).

5.4. Kif tingħata għotja

Fi tmiem il-proċess tal-għoti tal-kuntratt u wara d-deċiżjoni tal-għotja meħuda mill-Kummissjoni, l-applikant magħżul ser jirċievi ftehim tal-għotja (liema kampjun jista' jitniżżel mill-Internet mis-sit elettroniku mogħti fil-punt 4.1 ta' din is-sejħa għall-proposti), denominat f'euro, li jispeċifika l-kundizzjonijiet u l-ammont tal-finanzjament, li jista' jkun inqas mill-ammont mitlub fl-applikazzjoni. Fil-każ ta' żbalji ta' kalkolu, l-ispejjeż li jeċċedu l-ammonti massimi eliġibbli u l-ispejjeż ikkunsidrati bħala mhux eliġibbli jew mhux realistiċi, il-Kummissjoni tista' titlob kjarifiki u tikkorreġi l-baġit jekk ikun neċessarju. Jekk il-korrezzjoni twassal għal ammont ogħla tal-ispejjeż totali, l-ammont mitlub mill-Kummissjoni għandu jibqa' mhux mibdul u l-kontribuzzjoni tal-applikant għandha tiżdied kif xieraq. Il-Kummissjoni Ewropea tirriżerva d-dritt li titlob evidenza ulterjuri mingħand l-applikant, u, jekk ikun meħtieġ, titlob dokumenti ġustifikattivi oħrajn (jiġifieri l-ftehimiet għax-xandir, ir-reklamar, il-produzzjoni awdjoviżiva, eċċ.). Dawn il-verifiki jistgħu jwasslu lill-Kummissjoni biex tirrifjuta l-applikazzjoni fil-każ ta' dikjarazzjoni falza. Huwa għalhekk fl-interess tal-applikanti li jipprovdu informazzjoni korretta u realistika u baġit kosteffettiv.

Jekk l-applikazzjoni tiġi rrifjutata f'waħda mill-fażijiet, l-applikanti għandhom jirċievu notifika bil-miktub li tispeċifika r-raġunijiet għar-rifjut fi tmiem il-proċess tal-għoti tal-kuntratt.

Il-proċess tal-għoti tal-kuntratt huwa skedat li jintemm fi tmiem Jannar 2013. Is-servizzi tal-Kummissjoni mhumiex awtorizzati li jinfurmaw lill-applikanti dwar l-istat tal-evalwazzjoni tal-fajls tagħhom qabel id-deċiżjoni tal-għotja. Għal din ir-raġuni, l-applikanti huma mitluba biex ma jċemplux jew jiktbu lill-Kummissjoni biex ikunu jafu dwar ir-riżultat tal-applikazzjoni tagħhom qabel dik id-data.

Il-kandidat għandu jinnotifika lill-Kummissjoni Ewropea bi kwalunkwe bidla (status, rappreżentant legali, kundanna legali, eċċ.) li seħħet bejn it-trasmissjoni tal-applikazzjoni u l-iffirmar tal-ftehim. Il-Kummissjoni Ewropea tirriżerva d-dritt li ma tagħtix l-għotja jekk din l-informazzjoni ma tkunx ġiet notifikata jew jekk il-Kummissjoni tiġġudika li l-applikazzjoni tqanqal dubji.

6. PROMOZZJONI

6.1. Responsabbiltajiet tal-benefiċjarju

Għall-azzjonijiet kollha, il-benefiċjarji għandhom l-obbligu li jiżguraw, bil-mezzi adegwati kollha u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim tal-għotja, li tul iż-żmien kollu tal-miżura, kull komunikazzjoni jew pubblikazzjoni jew materjal promozzjonali dwar il-miżura għandu jsemmi l-fatt li l-Unjoni Ewropea tkun qed tagħti appoġġ finanzjarju għal dan.

Barra minn hekk, kull komunikazzjoni jew pubblikazzjoni mill-benefiċjarju, fi kwalunkwe forma u format, għandha tispeċifika li l-informazzjoni pprovduta hija r-responsabbiltà tal-awtur u li din mhux neċessarjament tkun tirrappreżenta il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni.

L-evidenza ta' dan ir-reklamar għandha tiġi inkluża fir-rapporti teknici ta' implimentazzjoni. Mudell tal-logo tal-UE jista' jitniżżel mill-indirizz tal-internet li ġej: http://europa.eu/about-eu/basic-information/symbols/flag/index_mt.htm u jissemma "Proġett appoġġjat mill-Unjoni Ewropea".

Jekk l-organizzazzjoni benefiċjarja ma tikkonformax mal-obbligi ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li tnaqqas l-ammont tal-għotja allokat għall-miżura ta' informazzjoni konċernata jew saħansitra li tirrifjuta li tħallasha.

7. PROTEZZJONI TAD-DEJTA PERSONALI

Il-Kummissjoni Ewropea għandha tiżgura li kwalunkwe dejta personali inkluża fl-applikazzjoni tiġi ipproċessata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-data [1]. Dawn id-dispożizzjonijiet japplikaw b'mod partikolari għall-kunfidenzjalità u s-sigurtà tad-dejta inkwistjoni.

[1] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

ANNESS I

KRITERJI TAL-EVALWAZZJONI

Kull miżura ta' informazzjoni ser tiġi evalwata mill-kumitat adegwat fid-dawl tal-kriterji li ġejjin:

(1) *(massimu ta' 35 punt): ir-rilevanza u l-interess ġenerali tal-miżura* għandha tiġi vvalutata b'mod partikolari fid-dawl tas-sommarju tal-proposta pprovduta fil-parti A tal-formola 3, u abbażi:

— tal-kwalità globali tal-proposta. L-approċċ kunċettwali u r-riżultati li għandhom jinkisbu għandhom ikunu definiti b'mod ċar fil-proposti tal-proġetti. Id-deskrizzjoni tal-miżura u l-għanijiet u l-miri pubbliċi għandhom ikunu preċiżi u r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-applikant u ta' kull koorganizzatur għandhom ikunu ċari. Il-programm tal-miżura għandu jkun iddettaljat u l-iskeda tal-ħidma għandha tkun realistika u konformi mal-għanijiet tal-proġett (20 punt);

— il-limitu ta' kemm l-għanijiet u l-kontenut tal-miżura jkunu konformi mal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 814/2000 u mal-prijoritajiet stabbiliti fil-punt 2.1 u t-tipi ta' kampanji ta' informazzjoni deskritti fil-punt 2.2 tas-sejħa għall-proposti (15-il punt);

(2) *(massimu ta' 25 punti): il-valur miżjud ġenerali tal-proposta* għandu jiġi vvalutat b'mod artikolari fid-dawl tal-partijiet B, C u D tal-formola 3. L-aspetti li ser jiġu kkunsidrati huma:

— l-għadd ta' pajjiżi u l-popolazzjoni koperti mill-miżura. Il-miżuri ser jingħataw preferenza f'rabta mal-għadd ta' pajjiżi fejn l-attivitajiet huma implimentati u l-perċentwali tal-popolazzjoni tagħhom mmirata mill-miżura (ara l-punti 2.2 u 2.3 ta' din is-sejħa għall-proposti) (15-il punt);

— il-kompletezza, l-innovazzjoni u l-oriġinalità tat-taħlita tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni proposti (10 punti);

(3) *(massimu ta' 20 punt): l-impatt tal-miżura u l-politika ta' tixrid adottati* għandhom ikunu vvalutati b'mod partikolari fid-dawl tal-informazjoni pprovduta fil-partijiet E u F tal-formola 3, kif ukoll fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta fil-formoli 1 u 2. L-aspetti li ser jiġu kkunsidrati huma:

— id-dimensjoni, l-istatus u r-rappreżentanza tal-pubbliku fil-mira (inklużi l-benefiċjarji indiretti) f'rabta mat-tip ta' miżura (10 punti);

— il-kapaċità tal-applikant u tal-koorganizzaturi li jiżguraw segwitu effikaċi u tixrid tar-riżultati miksuba kif ukoll li jiżguraw mezzi ta' tixrid użati (b'mod partikolari l-istampa, ir-radju u t-televiżjoni, l-internet, id-distribuzzjoni diretta) u r-rwol tagħhom fil-qafas tal-miżura (10 punti);

(4) *(massimu ta' 10 punti): l-evalwazzjoni tal-miżura għandha tiġi vvalutata* b'mod partikolari fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta fil-parti G tal-formola 3 u abbażi:

— tal-analiżi tal-impatt mistenni tal-miżura qabel l-eżekuzzjoni tagħha, u l-analiżi tar-riżultati ladarba din tkun lesta, b'attenzjoni speċjali għall-indikaturi użati (verifikati esternament u oġġettivi) (5 punti);

— tat-tekniki użati (stħarriġ, kwestjonarji, statistiċi, eċċ.) sabiex jitkejjel l-impatt tal-messaġġi mibgħuta (5 punti);

(5) *(massimu ta' 10 punti): il-kwalità finanzjarja tal-proposta* għandha tiġi vvalutata b'mod partikolari fid-dawl tat-tabelli finanzjarji. L-aspetti li ser jiġu kkunsidrati huma:

— Il-proposti għandhom juru li l-miżura ser toffri valur tajjeb għall-flus u li l-proposta finanzjarja hija koerenti mal-prezzijiet tas-suq (10 punti).

ANNESS II

DOKUMENTI ADDIZZJONALI MEĦTIEĠA GĦALL-APPLIKAZZJONI GĦALL-GĦOTJA

Sabiex jiġu meqjusa kompluti, l-applikazzjonijiet għandhom jinkludu (minbarra l-ittra tal-applikazzjoni, il-formoli tal-applikazzjoni u tal-preżentazzjoni tal-baġit, li jista' jitniżżel mill-indirizz tal-internet mogħti fil-punt 4.1 ta' din is-sejħa għall-proposti) id-dokumenti addizzjonali kollha li ġejjin. L-applikanti għandhom jiżguraw li d-dokumenti jkunu mehmuża fl-ordni ppreżentata fit-tabella hawn taħt. Jekk wieħed minn dawn id-dokumenti jkun nieqes, l-applikazzjoni tista' titqies bħala waħda mhux kompluta u ma tinżammx aktar.

Dokument	Deskrizzjoni	Kummenti
Dokument A	Formola ta' identifikazzjoni tal-entità legali	Għall-applikanti kollha. Il-Formola hija disponibbli fuq l-indirizz tal-internet imsemmi fil-punt 4.1 ta' din is-sejħa għall-proposti.
Dokument B	Formola ta' identifikazzjoni finanzjarja	Għall-applikanti kollha. Il-formola hija disponibbli fuq l-indirizz tal-internet imsemmi fil-punt 4.1 ta' din is-sejħa għall-proposti.
Dokument C	L-istrumenti li jikkostitwixxu l-assoċjazzjoni (statuti).	Għall-applikanti kollha li mhumiex entitajiet pubbliċi.
Dokument D	Estratt riċenti mir-reġistu uffiċjali stipulat skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit (pereżempju mill-ġurnal uffiċjali jew mir-reġistru ta' kumpanija) li juri biċ-ċar l-isem u l-indirizz tal-applikant u d-data ta' reġistrazzjoni.	Għall-applikanti kollha.
Dokument E	Jekk l-applikant huwa soġġett għall-VAT, kopja tad-dokument ta' reġistrazzjoni. Jekk l-applikant mhuwiex intitolat li jirkupra l-VAT, dokument uffiċjali li jikkonferma dan.	Għall-applikanti li huma rregolati b'liġi privata (il-vat imħallsa mill-entitajiet pubbliċi mhix eliġibbli fl-ebda ċirkostanza). Jekk il-VAT ma tkunx tinġabar lura, l-applikant għandu jehmeż ċertifikat mill-awtorità tal-VAT jew mingħand kwalunkwe persuna esterna oħra responsabbli mill-istabbiliment jew mill-awditjar tal-kontijiet (accountant indipendenti, awditur, eċċ.)
Dokument F	Karti tal-bilanċ u kontijiet tal-qligħ u t-telf tal-aħħar sentejn finanzjarji li għalihom ġew magħluqa l-kontijiet, jew kwalunkwe dokument ieħor (bħal ċertifikat bankarju) li jagħti prova tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-applikant u l-kapaċità tiegħu li jżomm l-attività matul il-perjodu li fih tkun qed titwettaq il-miżura ta' informazzjoni.	Għall-applikanti kollha li mhumiex entitajiet pubbliċi.
Dokument G	curriculum vitae tal-persuni li ser iwettqu t-tħejjija, l-implimentazzjoni, is-segwitu u l-evalwazzjoni tal-miżura ta' informazzjoni proposta.	Għall-applikanti u l-koorganizzaturi kollha.
Dokument H	Prova tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn forniturі oħrajn tal-fond (anke jekk il-fornitur tal-fond huwa koorganizzatur ukoll) għall-miżura ta' informazzjoni proposta (li għandha tikkonsisti tal-anqas f'ċertifikat uffiċjali tal-finanzjament minn kull wieħed mill-forniturі previsti li fuqu jkunu jidhru t-titolu tal-miżura ta' informazzjoni u l-ammont tal-kontribuzzjoni).	Formola li għandha tkun mehmuża f'każ li jkun hemm kontribuzzjoni minn forniturі oħrajn tal-fondi.

Fir-rigward tal-VAT (dok E), huwa importanti ħafna li jiġu ppreżentati d-dokumenti meħtieġa anke jekk l-applikant mhuwiex suġġett għall-VAT. Fir-rigward ta' provi ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji (dok H), dawn għandhom jitressqu mill-forniturі kollha tal-fond (il-punti c, d u f tat-tabella tad-dħul tal-baġit).

ANNESS III

KRITERJI TAL-GĦAŻLA, TAL-ESKLUŻJONI U TAL-ELIĠIBBILTÀ

1. **Kriterji tal-għażla**

Sabiex jagħtu prova tal-kapaċità teknika tagħhom, l-applikanti għandhom juru li:

— għandhom il-ħiliet tekniċi neċessarji ta' rilevanza diretta għat-tħejjija, l-implimentazzjoni, is-segwitu u l-evalwazzjoni tat-tip ta' miżura ta' informazzjoni proposta;

— ikunu wettqu tal-anqas kampanja waħda ta' komunikazzjoni integrata matul l-aħħar sentejn;

— għandhom tal-anqas sentejn esperjenza fit-trattament tas-suġġett(i) propost(i).

Sabiex jagħtu prova tal-kapaċità finanzjarja tagħhom, l-applikanti għandhom juru li:

— is-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom hija b'saħħitha biżżejjed biex ikomplu jwettqu l-attività tagħhom matul il-perjodu li fih tkun qiegħda titwettaq il-miżura ta' informazzjoni.

Il-kapaċità teknika u finanzjarja tal-applikanti għandhom jiġu vvalutati abbażi tal-informazzjoni pprovduta fil-fajl tal-applikazzjoni tagħhom u fl-informazzjoni addizzjonali (l-Anness II). Madankollu, il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni addizzjonali. L-applikanti huma mfakkra li l-Kummissjoni ma hija se tagħti l-ebda finanzjament minn qabel għal dawk il-miżuri ta' informazzjoni li jingħataw għotja skont din is-sejħa għall-proposti. L-applikanti ser ikollhom iġorru l-ispiża totali tal-miżuri ta' informazzjoni huma stess. L-għotja tal-Kummissjoni ser titħallas biss wara l-approvazzjoni tar-rapport tekniku u finanzjarju finali ta' implimentazzjoni mressaq mill-benefiċjarji wara t-tmiem tal-miżura ta' informazzjoni u, fejn meħtieġ, wara li teskludi n-nefqa li mhix eliġibbli.

L-applikanti jistgħu jitolbu pagament intermedju (ara d-dettalji mogħtija fil-punt 3 tas-sejħa għall-proposti: It-tul ta' żmien u l-Baġit).

2. **Kriterji tal-esklużjoni**

Il-Kummissjoni ser teskludi l-applikanti kollha li jsibu ruħhom f'waħda mis-sitwazzjonijiet deskritti fl-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2208/2002 u fl-Artikoli 93(1), 94 u 96 (2), il-punt (a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002, (Ir-Regolament Finanzjarju tal-25 ta' Ġunju 2002 applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea). L-għotjiet ma jistgħux jingħataw lill-applikanti li fiż-żmien tal-proċedura tal-għotja, jkunu f'waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin: applikanti li

— huma falluti jew ikunu qed jiġu likwidati, qed ikollhom in-negozju tagħhom amministrat mill-qrati, ikunu daħlu f'arranġamenti mal-krediturі, issospendew l-attivitajiet kummerċjali tagħhom, ikunu soġġetti għal proċeduri li jikkonċernaw dawn il-materji, jew ikunu jinsabu fi kwalunkwe sitwazzjoni analoga maħluqa minn proċedura simili prevista fil-leġiżlazzjoni jew fir-regolamenti nazzjonali;

— kienu nstabu ħatja ta' offiża li tikkonċerna l-kondotta professjonali tagħhom b'sentenza ta' forza ta' *res judicata*;

— kienu ħatja ta' kondotta professjonali ħażina serja pprovata bi kwalunkwe mezz li l-awtorità kontraenti tista' tiġġustifika;

— ma jkunux issodisfaw l-obbligi relatati mal-pagament tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jew dawk relatati mal-ħlas ta' taxxi skont id-dispożizzjonijet legali tal-pajjiż fejn huma stabbiliti jew dawk tal-pajjiż tal-awtorità kontraenti jew dawk tal-pajjiż fejn sejra titwettaq il-miżura;

— kienu s-suġġett ta' sentenza li għandha s-saħħa ta' *res judicata* għall-frodi, il-korruzzjoni, l-involviment f'organizzazzjoni kriminali jew kwalunkwe attività illegali oħra li hija ta' detriment għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

— wara proċedura oħra ta' akkwist jew proċedura oħra ta' għotja ffinanzjata mill-baġit tal-Unjoni Ewropea, kienu ddikjarati li kisru b'mod serju l-kuntratt minħabba li ma kkonformawx mal-obbligi kuntrattwali tagħhom;

— huma suġġetti għal kunflitt ta' interessi,

— huma ħatja jew ta' dikjarazzjonijiet foloz fil-preżentazzjoni tal-informazzjoni meħtieġa partikolarment mid-dipartiment awtorizzanti jew talli ma pprovdewx din l-informazzjoni.

L-applikanti għandhom jiddikjaraw fuq l-unur tagħhom li mhumiex f'waħda mis-sitwazzjonijiet ta' hawn fuq (ara l-ittra ta' applikazzjoni disponibbli fl-indirizz tal-internet imsemmi fil-punt 4.1 ta' din is-sejħa għall-proposti). Skont ir-riżultati tal-analiżi tar-riskji tal-ġestjoni, il-Kummissjoni tista' titlob evidenza addizzjonali. Applikanti li jinsabu ħatjin ta' dikjarazzjonijiet foloz jistgħu jiġu soġġetti għal pieni finanzjarji u amministrattivi.

3. **Il-kriterji tal-eliġibbiltà**

(a) *Il-kriterji tal-eliġibbiltà li jikkonċernaw l-applikant:*

— L-applikant għandu jkun persuna ġuridika kostitwita legalment fi Stat Membru għal tal-anqas sentejn fil-ħin tas-sottomissjoni tal-proposta. Dan irid jintwera b'mod ċar fl-applikazzjoni u fid-dokumenti addizzjonali. Għandhom jiġu rrifjutati l-applikanti li ma ġewx kostitwiti legalment fi Stat Membru għal tal-anqas sentejn fiż-żmien tas-sottomissjoni tal-proposta, jew jonqsu milli jippruvaw dan,.

(b) *Il-kriterji tal-eliġibbiltà li jikkonċernaw l-applikazzjoni:*

Kull applikazzjoni skont din is-sejħa għall-proposti għandha tissodisfa l-kriterji li ġejjin:

— għandha titressaq (kemm bil-posta u bil-posta elettronika) mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 2012 (it-timbru postali fuq l-envelopp iservi bħala prova tad-data tal-impostar);

— għandha tinkludi kopji stampati tal-formoli rilevanti pprovduti għall-applikazzjoni u għall-baġit li jistgħu jitniżżlu mill-indirizz tal-internet mogħti fil-punt 4.1, u, għandha tinkludi wkoll verżjoni elettronika,

— għandha tinkiteb b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni;

— għandha tinkludi d-dokumenti kollha elenkati fil-punt 4.1 ta' din is-sejħa għall-proposti;

— l-applikanti jistgħu jressqu applikazzjoni waħda biss għal kull sena baġitarja;

— l-ammont tal-għotja mitlub lill-Kummissjoni (inkluż l-ammont tar-rata fissa għall-ispejjeż tal-persunal) għandu jkun ta' bejn EUR 100 000 u EUR 500 000;

— il-baġit tal-miżuri ta' informazzjoni proposti għandu:

  — ikun denominat f'Euro,

  — jinkludi tabella tal-bilanċ għall-infiq u tabella tan-nefqa u tabella tad-dħul ibbilanċjati;

  — ikun datat u ffirmat kemm għall-partijiet tal-infiq u kemm għal dawk tad-dħul minn persuna awtorizzata legalment fl-organizzazzjoni li tkun qed tapplika (jekk ffirmata minn delegazzjoni, għandu jiġi pprovdut dokument li juri din id-delega);

  — jitfassal billi jintużaw kalkoli dettaljati (kwantitajiet, prezzijiet tal-unità, prezzijiet totali) u l-ispjegazzjonijiet rilevanti fil-kolonna "kummenti"; l-ebda ammont b'rata fissa (ħlief għall-ispejjeż tal-persunal) mhu ser jiġi aċċettat,

  — jirrispetta l-ammonti massimi stabbiliti mill-Kummissjoni għal ċertu tip ta' infiq (ara l-Anness IV) u għall-akkomodazzjoni (jekk jogħġbok irreferi għad-dokument intitolat "spejjeż massimi għall-akkomodazzjoni (lukanda) aċċettati mill-Kummissjoni" li huwa disponibbli fuq l-indirizz tal-internet mogħti fil-punt 4.1);

  — ikun ippreżentat mingħajr VAT jekk l-applikant huwa soġġett għall-VAT u intitolat li jnaqqasha, jew jekk l-applikant huwa entità pubblika,

  — jinkludi fil-parti tad-dħul il-kontribuzzjoni diretta mill-applikant, il-finanzjament mitlub mingħand il-Kummissjoni, u (jekk applikabbli) id-dettalji dwar kwalunkwe kontribuzzjoni minn forniturі oħrajn ta' fondi, kif ukoll id-dħul kollu ġġenerat mill-proġett, inkluż, fejn xieraq, il-ħlasijiet meħtieġa mill-parteċipanti.

— Id-dati għall-implimentazzjoni tal-miżura ta' informazzjoni proposta għandhom ikunu bejn l-1 ta' Marzu 2013 u t-28 ta' Frar 2014.

— Dawn li ġejjin mhumiex eliġibbli:

  — il-miżuri obbligatorji bil-liġi,

  — il-miżuri li jirċievu finanzjament mill-Unjoni Ewropea minn linja baġitarja oħra,

  — il-miżuri li jagħmlu l-qligħ;

  — laqgħat ġenerali jew laqgħat statutorji.

Kwalunkwe applikazzjoni li tonqos milli twettaq wieħed jew iktar mill-kriterji ta' hawn fuq jistgħu jitqiesu bħala mhux eliġibbli u jistgħu jiġu rrifjutati.

ANNESS IV

TFASSIL TAL-BAĠIT

Il-baġit għandu jirrispetta r-regoli rilevanti kollha previsti fl-Anness III (3) (Il-kriterji tal-eliġibbiltà u tal-esklużjoni). Għandu jiġi ppreżentat bl-użu tal-formoli oriġinali (tabelli tal-infiq u tad-dħul).

It-tabella tal-infiq għandha tkun speċifika u għandha tippermetti fehim ċar ta' kull nefqa (pereżempju l-ebda "spejjeż oħrajn"). Il-kategoriji differenti tal-ispejjeż għandhom ikunu riflessi fid-deskrizzjoni tal-miżura ta' informazzjoni (Formola Nru 3).

It-tabella tad-dħul għandha tkun speċifika u għandha tippermetti fehim ċar ta' kull kontribuzzjoni ta' dħul/dik finanzjarja u għandha tkun konformi mar-regola ta' bla profitt. Il-provi tal-kontribuzzjonijiet minn forniturі oħrajn ta' fondi għandhom ikunu annessi (ara d-dokoment H tal-Anness II).

Sabiex ikun iffaċilitat it-tfassil tal-baġit, mudell ta' baġit mimli b'mod korrett jinsab fl-indirizz tal-internet imsemmi fil-punt 4.1.

It-tabella tal-infiq tal-baġit għandha tinkludi biss spejjeż eliġibbli (ara iktar 'l isfel).

Kwalunkwe nefqa li ssir qabel ikun iffirmat il-ftehim issir b'riskju proprju tal-applikant u ma hi se toħloq l-ebda rabta, la legali u lanqas finanzjarja, min-naħa tal-Kummissjoni.

(1) **Spejjeż eliġibbli**

L-ispejjeż eliġibbli għall-miżuri ta' informazzjoni huma spejjeż li fil-fatt saru mill-benefiċjarju, li jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

(a) huma relatati mas-suġġett tal-ftehim u huma stipulati f'baġit globali previst għall-miżura ta' informazzjoni;

(b) huma meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-miżura ta' informazzjoni li hija s-suġġett tal-għotja;

(c) huma r-responsabbiltà tal-benefiċjarju u jitħallsu minnu matul il-perjodu tal-miżura ta' informazzjoni kif speċifikat fl-Artikolu I.2.2 tal-ftehim tal-għotja, jiġifieri sostnuti mid-dokumenti ġustifikattivi oriġinali (ara t-tabella fil-punt (3) hawn taħt) u bid-dokumenti rispettivi li jipprovaw il-pagament;

(d) huma identifikabbli u verifikabbli, b'mod partikolari jkunu rreġistrati fir-rekords tal-kontabbiltà tal-benefiċjarju u kkalkulati skont l-istandards tal-kontabbiltà applikabbli tal-pajjiż fejn il-benefiċjarju jkun stabbilit u skont il-prattika normali tal-kontabbiltà tal-ispejjeż tal-benefiċjarju;

(e) huma raġonevoli, ġustifikati, u jimxu skont ir-rekwiżiti ta' ġestjoni finanzjarja tajba, b'mod partikolari rigward l-ekonomija u l-effiċjenza;

(f) jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tat-taxxa u tal-leġiżlazzjoni soċjali fis-seħħ.

FORNITURI/SOTTOKUNTRATTURI għal servizzi li jaqbżu l-EUR 10 000

Tajjeb li wieħed jinnota li fejn l-applikant għandu l-intenzjoni li juża forniturі/sottokuntratturі u fejn l-ammont tas-servizzi kollha li ser jingħataw mill-istess fornitur/sottokuntrattur jaqbżu l-EUR 10 000, l-applikant għandu jippreżenta lill-Kummissjoni tal-anqas tliet offerti, mitluba minn tliet kumpaniji differenti u jehmeż l-offerta magħżula filwaqt li juri li l-fornitur/is-sottokuntrattur magħżul jirrappreżenta l-aħjar valur għall-flus, u għandu jiġġustifika l-għażla fejn l-offerta magħżula ma tkunx l-irħas waħda.

Dawn id-dokumenti għandhom jiġu ppreżentati malajr kemm jista' jkun lill-Kummissjoni u dan mhux aktar tard mir-rapporti teknici u finanzjarji finali.

Jekk dan ma jsirx, il-Kummissjoni tikkunsidra li dawn l-ispejjeż mhumiex eliġibbli.

Wieħed għandu jinnota wkoll li l-azzjonijiet ma jistgħux jiġu kompletament sottokuntrattati. Jista' jiġi sottokuntrattat biss ammont limitat tal-attivitajiet li jaqgħu taħt miżura speċifika ta' informazzjoni.

(2) **Spejjeż li mhumiex eliġibbli**

L-ispejjeż li ġejjin m'għandhomx jitqiesu bħala eliġibbli:

— il-kontribuzzjonijiet f'oġġetti,

— l-infiq mhux speċifikat jew b'rata fissa, ħlief fil-każ ta' spejjeż tal-persunal,

— l-ispejjeż indiretti (kera, elettriku, ilma, gass, assigurazzjoni, taxxi, eċċ.),

— l-ispejjeż għal materjal għall-uffiċċju (bħal karti, kartolerija, eċċ.),

— l-ispejjeż li ġejjin mix-xiri ta' tagħmir ġdid jew użat,

— l-ispejjeż ta' deprezzament tat-tagħmir,

— l-ispejjeż mhux ipprovduti fil-baġit previst,

— il-VAT, ħlief meta l-benefiċjarju jista' juri li ma jistax jiġborha lura skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli. Madankollu, il-VAT imħallsa mill-entitajiet pubbliċi mhijiex eliġibbli,

— ir-redditu fuq il-kapital,

— id-dejn u l-ħlas fuq servizzi ta' djun,

— il-provvedimenti għal telf jew djun potenzjali fil-futur,

— l-imgħax dovut,

— id-djun dubjużi,

— it-telf mill-kambju,

— l-ispejjeż iddikjarati mill-benefiċjarju u koperti minn miżura oħra jew minn programm ta' ħidma ieħor li jkun qiegħed jirċievi l-għotja mill-UE,

— l-infiq eċċessiv jew bla kontroll.

(3) **Dispożizzjonijiet speċifiċi relatati mal-ispejjeż eliġibbli u d-dokumenti ta' ġustifikazzjoni mitluba**

Kategorija tan-nefqa	Eliġibbli	Dokumenti ġustifikattivi meħtieġa (*NB*: Meta jkun elenkat aktar minn dokument wiehed, għandhom jiġu pprovduti d-dokumenti kollha)
Spejjeż tal-persunal	(1) Impjegati Ser titħallas somma b'rata fissa: EUR 10 000 għal miżuri li għalihom l-ispejjeż totali eliġibbli (esklużi l-ammont b'rata fissa għall-ispejjeż tal-persunal) huma anqas minn EUR 400 000 u EUR 25 000 għal miżuri li għalihom l-ispejjeż totali eliġibbli (esklużi l-ammont b'rata fissa għall-ispejjeż tal-persunal) huma bejn EUR 400 000 u massimu ta' EUR 950 000. Dan ser ikopri l-ispejjeż tal-persunal għat-tħejjija, l-implimentazzjoni, is-segwitu u l-evalwazzjoni.	Ma huma meħtieġa l-ebda dokumenti ġustifikattivi biex tinkiseb ir-rata fissa. Madankollu, għal skopijiet ta' analiżi, il-benefiċjarji ser jintalbu jehmżu dokument li jindika l-ispejjeż reali tal-persunal imġarrbin b'rabta mal-miżura ta' informazzjoni mar-rapport finali.
	(2) Persuni li jaħdmu għal rashom	— Fattura li tindika għall-inqas it-titolu tal-miżura ta' informazzjoni, in-natura tax-xogħol imwettaq u d-dati ta' meta jkun sar ix-xogħol. — Prova tal-pagament.
Spejjeż għat-trasport [1]	(1) Ferrovija L-ispiża tal-ivvjaġġar fit-tieni klassi bl-użu tal-iqsar rotta [2].	— Biljett. — Prova tal-pagament.
	(2) Ajruplan It-tariffi tal-prenotazzjoni u l-ispiża tal-vjaġġ bl-ajru fi klassi ekonomija, bl-użu tal-irħas tariffa promozzjonali disponibbli fis-suq.	— Reġistrazzjoni elettronika (inkluż il-prezz). — Il-biljett użat tat-tlugħ fuq l-ajruplan. Il-biljett tat-tlugħ fuq l-ajruplan għandu jindika l-isem, id-data, il-post tat-tluq u d-destinazzjoni. — Il-fattura tal-aġenzija tal-ivvjaġġar, jekk applikabbli. — Prova tal-pagament.
	(3) Kowċ Ivvjaġġar bejn l-ibliet ("intercity") bl-iqsar rotta.	— Fattura li tindika tal-anqas il-postijiet tat-tluq u l-wasla, l-għadd ta' passiġġieri u d-dati tal-ivvjaġġar. — Prova tal-pagament.
	(4) Vapuri	— Il-biljett. — Prova tal-pagament.

Kategorija tan-nefqa	Eliġibbli	Dokumenti ġustifikattivi meħtieġa (*NB*: Meta jkun elenkat aktar minn dokument wieħed, għandhom jiġu pprovduti d-dokumenti kollha)
Akkomodazzjoni	(1) Matul il-preparazzjoni tal-miżura ta' informazzjoni Akkomodazzjoni f'lukanda sa ammont massimu kull lejl stabbilit skont il-pajjiż (eskluża l-VAT). Dan l-ammont massimu jinsab fl-indirizz tal-internet imsemmi fil-punt 4.1 ta' din is-sejħa għall-proposti ("Spejjeż massimi għall-akkomodazzjoni (lukanda) aċċettati mill-Kummissjoni").	— Fattura ddettaljata tal-lukanda li tindika isem il-persuni, id-dati u n-numru ta' ljieli. Jekk il-fattura hija għal grupp, għandha tingħata l-istess informazzjoni. — Deskrizzjoni mill-benefiċjarju tal-għotja tal-iskop tal-akkomodazzjoni, ir-rabta bejn il-miżura ta' informazzjoni kkofinanzjata u r-rwol tal-persuni kkonċernati. — Meta applikabbli, il-minuti tal-laqgħa. — Prova tal-pagament.
	(2) Waqt l-implimentazzjoni tal-miżura ta' informazzjoni Akkomodazzjoni f'lukanda sa ammont massimu kull lejl stabbilit skont il-pajjiż (eskluża l-VAT). Dan l-ammont massimu jinsab fl-indirizz tal-internet imsemmi fil-punt 4.1 ta' din is-sejħa għall-proposti ("Spejjeż massimi għall-akkomodazzjoni (lukanda) aċċettati mill-Kummissjoni").	— Fattura ddettaljata tal-lukanda li tindika isem il-persuni, id-dati u n-numru ta' ljieli. Jekk il-fattura hija għal grupp, għandha tingħata l-istess informazzjoni. — Lista tal-attendenza ffirmata mill-parteċipanti kif mitlub għar-rapport tekniku (ara l-Artikolu I.5.2.2 tal-ftehim tal-għotja). — Prova tal-pagament.
Ikliet	Waqt l-implimentazzjoni tal-miżura ta' informazzjoni biss sal-ammont massimu (eskluża l-VAT) ta': — EUR 5 kull persuna għal waqfa għall-kafè — EUR 25 kull persuna għall-ikla ta' nofsinhar — EUR 40 kull persuna għall-ikla ta' filgħaxija	— Fattura globali [3] (minn kumpanija li tipprovdi l-ikel, mil-lukanda, miċ-ċentru għall-konferenzi, eċċ.) li tindika tal-anqas it-titlu tal-miżura ta' informazzjoni, id-data, in-numru ta' persuni, it-tip ta' servizzi mogħtija (waqfiet għall-kafè, ikliet ta' nofsinhar u/jew ikliet ta' filgħaxija), il-prezzijiet unitarji u l-prezz totali. — Lista tal-attendenza ffirmata mill-parteċipanti kif mitlub għar-rapport tekniku (ara l-Artikolu I.5.2.2 tal-ftehim tal-għotja). — Prova tal-pagament.
Interpretazzjoni	(1) Impjegati: l-ispejjeż tas-salarji huma inklużi fir-rata fissa massima prevista li titħallas taħt il-kategorija "spejjeż tal-persunal".	Mhuwa meħtieġ l-ebda dokument.
	(2) Persuni li jaħdmu għal rashom sal-ammont massimu ta' EUR 600 għal kull ġurnata (eskluża l-VAT).	— Fattura li tindika tal-anqas it-titolu tal-miżura ta' informazzjoni, il-lingwi li minnhom u li fihom ġiet ipprovduta l-interpretazzjoni, id-dati ta' meta twettaq ix-xogħol, u n-numru ta' sigħat maħduma. — Prova tal-pagament.
Traduzzjoni	(1) Impjegati: l-ispejjeż tas-salarji huma inklużi fir-rata fissa massima prevista li titħallas taħt il-kategorija "spejjeż tal-persunal".	Mhuwa meħtieġ l-ebda dokument.
	(2) Persuni li jaħdmu għal rashom sa ammont massimu ta' EUR 45 għal kull paġna (eskluża l-VAT). *N.B.* Paġna waħda tikkorrispondi għal 1 800 karattru mingħajr spazji.	— Fattura li tindika tal-anqas it-titolu tal-miżura ta' informazzjoni, il-lingwi li minnhom u li fihom ġiet ipprovduta t-traduzzjoni, u n-numru ta' paġni tradotti. — Prova tal-pagament.

Kategorija tan-nefqa	Eliġibbli	Dokumenti ġustifikattivi meħtieġa (*NB*: Meta jkun elenkat aktar minn dokument wieħed, għandhom jiġu pprovduti d-dokumenti kollha)
Miżati għall-konsulenti u l-kelliema	Sa ammont massimu ta' EUR 600 kuljum (eskluża l-VAT). Il-miżati tal-esperti jew tal-kelliema mhumiex eliġibbli fejn il-persuni konċernati jkunu ħaddiema taċ-ċivil nazzjonali, tal-Unjoni Ewropea jew internazzjonali jew (meta dawn ikunu) membri jew impjegati tal-organizzazzjoni li tirċievi l-għotja jew ta' organizzazzjoni assoċjata jew affiljata magħha. L-ispejjeż tal-akkomodazzjoni u t-trasport: jekk jogħġbok irreferi għal dawn il-kategoriji ta' nfiq.	— Fattura li tindika tal-anqas it-titolu tal-miżura ta' informazzjoni, in-natura tax-xogħol imwettaq, u d-dati ta' meta sar ix-xogħol. — Il-programm finali tal-konferenza li jinkludi l-isem u l-funzjoni tal-kelliem. — Prova tal-pagament.
Kiri ta' swali għall-konferenzi u l-apparat	*NB*: il-kiri ta' kabini għall-interpretazzjoni simultanja huwa limitat għal ammont massimu ta' EUR 750 għal kull ġurnata (eskluża l-VAT).	— Fattura li tindika tal-anqas it-titolu tal-miżura ta' informazzjoni, in-natura tal-apparat u d-dati ta' meta nkrew is-swali għall-konferenzi u l-apparat. — Prova tal-pagament.
Spejjeż tal-posta	Is-servizz postali jew ta' kurrier biex jintbagħtu d-dokumenti relatati mal-miżura ta' informazzjoni (bħal stediniet, eċċ.).	— Fattura dettaljata li tindika tal-anqas t-titlu u n-numru involut tad-dokumenti mibgħuta jew riċevuta tal-posta bil-ġustifikazzjoni tal-benefiċjarju flimkien ma' prova mogħtija mill-benefiċjarju. — Prova tal-pagament.

(1) L-ispejjeż għat-trasport komuni biss se jiġu ffinanzjati (ferrovija, ajruplan, vapur). Madankollu, wieħed għandu jinnota li t-tariffi tal-karozzi tal-linja, tal-metro, tat-tramm u tat-taxi mhumiex eliġibbli. L-ebda karozza privata ma hija aċċettata.

(2) Meta tintuża klassi ohra li ma tkunx dik ekonomika, l-ispejjeż ikunu eliġibbli biss jekk tiġi ppreżentata dikjarazzjoni mill-kumpanija tat-trasport li tindika l-prezz ta' vjaġġ fit-tieni klassi. F'dan il-każ, in-nefqa eliġibbli ser tkun limitata għal dak l-ammont.

(3) Mhumiex se jiġu aċċettati riċevuti individwali tar-ristoranti.